PDF Compressor Pro





*Mons. Isqof Nikol Cauchi waqt il-Konċelebrazzjoni. Jidhru wkoll Mons. Carmelo Hili, Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu (xellug) u Mons. Rozario Ġużeppi Borg (lemin)*

# Ftuħ tal-Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif

Il-knisja Marjana fl-inħawi pittoreski Ta' Ħamet nistgħu nsejħulha ċ-ċentru Għawdxi tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima peress li fiha hemm l-istatwa "Djoċesana". Infatti d-Dehriet jiġu mfakkra regolarment bil-kbir. U l-ewwel dehra ma kenitx eċċezzjoni.

Iċ-ċerimonja bdiet b'siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesu Sagramentat, organizzata mill-Azzjoni Kattolika bħala bidu tal-kampanja annwali favur Ambjent Moralment Nadif. Wara li żgħażagħ mix-Xewkija mexxew ružarju meditat, Ġanninu Cremona saħaq fuq il-bżonn li wieħed jiddefendi l-moralità. Inqraw ukoll xi tifkiriet awtobijografiċi ta' Luċija; kien hemm kant u talb ieħor waqt li t-tfal ġew mistiedna jpoġġulha l-fjuri.

Wara Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata. Fl-omelija enfasizza kemm tħobbna l-Madonna u spjega l-konsagrazzjoni individwali u kommunitarja lilha. Tkellem ukoll fuq il-bżonn ta' konverżjoni kontinwa u r-responsabilità li n-nisrani għandu li jagħti sehmu.



*Ġorġa Galea mill-Fontana li qrat il-lezzjoni*



*Fr Joseph Cini, mix-Xagħra li qara l-Vanġelu*

Imbagħad l-istatwa ttieħdet pellegrinaġġ fit-triqat tal-madwar. L-attività ntemmet lura fil-kappella bil-barka Ewkaristika.



*Antoine Vassallo mir-Rabat, jidher jaqra t-talba tal-fidili*



*Il-korteo waqt il-purċissjoni lura lejn il-knisja*



*Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni. Jidhru fuq quddiem uħud mit-tfal minn Santa Luċija, Għawdex, li ppreżentaw ward lill-Madonna*



*Joseph Zammit (xellug) li flimkien ma' Noel Vella (lemin) li huma mix-Xagħra, daqqew il-qanpiena Liberata*



*Raymond Attard mix-Xagħra, jidher idoqq il-qanpiena l-kbira Karmela*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Attivitajiet li kienu qed isiru fl-iskola primarja tar-Rabat waqt il-ftuħ tal-ġurnata għall-pubbliku. Jidher Paul Scicluna f'mument waqt il-ġinnastika*

# Skola Primarja tiftaħ għall-Pubbliku

L-iskola primarja tar-Rabat li hija parti mill-Kulleġġ t'Għawdex, organizzat *Open Day*. Matul il-ġurnata, ħafna ġenituri u nies oħra żaru l-iskola fejn setgħu jaraw x'jiġri bejn l-erba' ħitan tal-iskola. Matul il-ġurnata, it-tfal kienu involuti f'ħafna attivitajiet varji.

L-għalliema organizzaw attività partikulari f'kull klassi għat-tfal u għall-ġenituri tagħhom. Fil-btieħi tal-iskola kien hemm attività sħiħa għaddejja u dan permezz tal-lezzjonijiet tal-ġinnastika u tal-atletika. Rokna popolari ħafna kienet dik tal-*bouncing castle*. Irkejjen oħra li ġibdu ħafna tfal u nies kienu r-Rokna tas-Sbuħija, ir-rakkontar ta' stejjer fil-librerija tal-iskola u r-Rokna tat-Talent. Matul il-ġurnata kienet għaddejja wkoll fiera tal-ktieb.

Il-ġurnata ntemmet permezz tal-*Kindferfest*, spettaklu li ra l-involviment tat-tfal kollha li jattendu l-*kindergarten* tal-iskola. L-*Open Day* kienet suċċess kbir u dan hu dovut għall-għajnuna u l-kollaborazzjoni sħiħa tal-għalliema kollha, it-tmexxija tal-iskola, il-ġenituri u l-Kunsill tal-Istudenti tal-istess skola. Il-Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex Chev. Frank Gatt żar l-iskola matul il-ġurnata u faħħar l-inizjattiva. Ġie deċiż li din il-ġurnata tibqa' issir fis-snin li ġejjin.



*Laura Galea waqt wirja tal-ballet*



*Jeremy Spiteri fuq il-kitarra*


## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**
***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***